MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2008

Numru 634/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Cassar**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Joseph Azzopardi, iben Carmelo u Francis nee` Caruana, imwieled Qormi, fit-13 ta` Jannar, 1970 u residenti Block 6, Flat 8, Triq il-Gnien, Santa Lucija u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 106470 (M)  gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

Nhar it-8 ta` Awissu, 2004, ghall-habta tat-tlieta u nofs ta` filghodu fi Triq il-Wileg, il-Qawra:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` PS524 Paul Cassar u PC635 Alan George Calleja f`periklu car, izda bil-hsieb li jikkagunalhom hsara fil-gisem u/jew fis-sahha u/jew igibilhom disordni fil-mohh wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. U talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq propjeta` tal-Gvern ta` Malta u cioe` vettura tat-tip Alfa Romeo bin-numru tar-registrazzjoni GVP 235, liema hsara taccedi l-hames mitt lira u dan ai termini t`artikolu 325 (1) (a) ta` Kap. 9 ta` Ligijiet ta` Malta;

3. U aktar talli saq jew prova jsuq jew kellu fil-kontroll tieghu vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAO678 fit-triq jew f`post pubbliku meta ma kienx f`kundizzjoni li jsuq, minhabba xorb jew drogi;

4. U aktar talli ipprova isuq jew kellu kontroll tal-istess vettura fit-triq jew f`post pubbliku wara li kkonsma tant alkohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, jew fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt;

5. U aktar talli saq l-istess vettura b`velocita` accessiva u b`manjiera perikoluza;

6. U aktar talli ingurja u/jew hedded u/jew ghamel offiza fuq ghadd ta` membri tal-Korp tal-Pulizija, liema persuni huma nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku, jew waqt li jkunu jew minhabba li jkunu jaghmlu dan is-servizz, jew bi hsieb u tbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

7. U aktar talli ikkaguna feriti hfief fuq il-persuni ta` PS524 Paul Cassar u PC635 Alan George Calleja hekk kif gew iccertifikati minn Dr. Ivan Cacciatolo;

8. U aktar talli ghad li kien xurban, jghid fil-pubbliku kliem oxxen jew indecenti, jew ghamel atti jew gesti oxxeni, jew b`xi mod iehor li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 19 ta' April 2005 fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikoli 41(1)(a), 214,215,216,217,218,325(a),85,86,89,221,338(bb), 17(b)(c),31,20,23 u 533 tal-Kodici Kriminali , fl-artikoli 15A(1)(2), 15B, 15(1)(a)(2)(3) u 18 tal-Kapitolu 65 u l-Avviz Legali 128 tal-1994.

Rat li waqt l-udjenza tas-6 ta' Mejju 2005 l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fit-8 ta' Awissu 2004 ghal habta tat-3.30am, fi Triq il-Wileg, il-Qawra fejn habtu zewg vetturi, wahda minnhom dik bin-numru tar-registrazzjoni GVP 235 misjuqa minn PC 635 Alan George Calleja u l-ohra bin-numru tar-registrazzjoni AAO 678 misjuqa mill-imputat. Iz-zewg vetturi sofrew hsarat estensivi skond ma jirrizulta mill-atti u senjatament mir-ritratti mehuda mis-Scene of the Crime Officer (esebiti a fol. 86 tal-process) li gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti u anki mir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit (rapport relattiv esebit a fol. 76 sa 81 tal-process). L-imputat kellu bhala passiggiera mieghu lil martu Sharon u lil zewg uliedu li kellhom erba' snin u sentejn filwaqt li PC 635 kellu bhala passiggier lil PS 524 Paul Cassar.

Mill-provi rrizulta li PS 524 u PC 635 li dakinhar kienu *detailed* mal-Mobile Squad intalbu jmorru jassistu *unit* ohra tal-Mobile Squad minhabba glieda li kienet inqalet fi

Triq Ardiona, il-Qawra fejn kien involut certu Paul Spagnol. Waqt li PS 524 u PC 635 kienu sejrin fuq il-post fejn intalbet l-assistenza taghhom sehhet il-kollizjoni mal-vettura misjuqa mill-imputat, liema kollizjoni sehhet fi triq il-Wileg, il-Qawra.

PS 524 li xehed fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2004 spjega kif hu u PC 635, li kien ix-xufier tal-vettura, kienu sejrin jaghtu assistenza lil unit iehor tal-Mobile Squad minhabba incident li kien inqala’ fi triq Ardiona, il-Qawra u qal li waqt li kienu ghaddejjin minn Triq il-Wileg fuq sajdhom, raw vettura gejja mid-direzzjoni opposta li kienet qed tinstaq fuq il-karreggjata taghhom, u cioe’ din il-vettura kienet qed tinstaq fuq in-naha l-hazina tat-triq, din il-vettura l-ewwel gibdet ghal lane taghha izda imbaghad fl-istess manuvra baqghet diehla fil-vettura tal-Pulizija. Dan ix-xhud jghid li PC 635 naqqas il-velocita’ malli ra l-vettura l-ohra gejja wrong side fid-direzzjoni taghhom u jghid inoltre li bl-impatt il-vettura taghhom spiccat habtet ma’ vettura tal-marka Subaru li kien hemm parkeggjata fuq in-naha tal-lemin taghhom. Dan ix-xhud jghid li bl-impatt infaqa’ l-*air bag* tal-vettura taghhom u li huwa habat rasu mal-*windscreen* u fil-fatt il-*windscreen* infaqa’ u huwa sofra griehi zghar f’mohhu. Huwa jghid ukoll li malli hu u PC 635 hargu mill-vettura bl-assistenza ta’ xi nies li ngabru fuq il-post mar fuqu l-imputat li kien is-sewwieq tal-vettura l-ohra li maghha sar l-impatt u dan beda jhedded li ser joqtol lilu u tlett Pulizija ohra li lahqu gew fuq il-post. Mic-certifikat mediku esebit a fol. 64 tal-process jirrizulta li dan ix-xhud sofra griehi ta’ natura hafifa bhala konsegwenza tal-incident.

PC 635 li xehed fis-seduta tat-22 ta’ Ottubru 2004 u li kien is-sewwieq tal-vettura tal-Pulizija nvoluta fl-incident mertu ta’ dan il-kaz ikkonferma li huwa kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq u li kellu l-beacon lights tal-vettura mixghulin meta f’hin minnhom ra vettura gejja mid-direzjoni opposta qed tinstaq fuq il-lane tieghu, huwa ghalhekk naqqas l-ispeed u mbaghad waqqaf il-vettura izda din il-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta f’hin minhom marret fil-karreggjata taghha u mbaghad regghat daret ghal fuq il-lane l-iehor u sehh l-impatt. Dan

ix-xhud gharaf lill-imputat bhala s-sewwieq tal-vettura l-ohra li maghha sar l-impatt. Huwa jghid li gie meghjun johrog mill-vettura u li kellu jinhareg mit-tieqa peress li l-bieba kienet mghaffga u jispjega li kien stordut wara l-incident izda meta ra d-duhhan hiereg mill-vettura taghhom huwa mar sabiex jaqla' l-batterija. Waqt li kien qed jaghmel hekk ra lill-imputat li kien irrabjat hafna ixejjer idejh.  Mic-certifikat mediku esebit a fol. 67 tal-process jirrizulta li l-griehi sofferti minn dan ix-xhud kienu ta' natura hafifa.

PC 185 Roger Miifsud li xehed fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2004 spjega li fil-lejl bejn is-7 u t-8 ta' Awissu 2004 kien qieghed il-Qawra minhabba li nqala' ncident li fih ma kellu x'jaqsam xejn l-imputat u l-Pulizija kienu qed jippruvaw jikkalmaw l-affarijiet. Dan ix-xhud jispjega li wara li rnexxilhom jikkalmaw l-affarijiet mar l-imputat fuq il-Pulizija u beda' jghajjat minghajr ebda raguni u beda jghid li ha l-haqq li haqqu u anki dak li ma haqqux u qal lil Pulizija li ma kienx jibza' minnhom  u li kien ser ikisrilhom il-vetturi taghhom u jtajjarhom. Dan ix-xhud jispjega li huwa talab l-assistenza ta' xi Pulizija ohra, fil-frattemp l-imputat telaq minn fuq il-post u wara ftit tal-hin ikkomunikaw mieghu permezz tar-radio il-Pulizija li kellhom imorru jassistuh u qalulu li kien ghadhom kemm kienu nvoluti f'incident mal-imputat.

L-imputat li ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri (deposizzjoni relattiva esebita a fol. 129 sa 133 tal-process spjega kif dakinhar tal-incident huwa kien mar jiekol f'restaurant Bugibba flimkien ma' martu Sharon u z-zewg uliedhom ta' erba' snin u sentejn. Huwa qal li waqt l-ikla kien xorob zewgt ifliexken birra u spjega li wara li lestew mill-ikla rikbu fil-vettura taghhom sabiex jitilqu u waqt li huwa kien hiereg mill-Qawra sema' hoss ta' vettura gejja b'velocita' qawwija u hass daqqa fuq il-vettura tieghu. Malli sema' dan il-hoss huwa ipparkja l-vettura tieghu, it-tfal bdew jibku u huwa hareg minn gol-vettura tieghu irrabjat u nduna li kien habat ma vettura tal-Pulizija. L-imputat jispjega li l-vettura tieghu kellha hsara estensiva u jghid lli ma jafx jekk hedditx lil Pulizija wara li hareg mill-vettura tieghu izda qal li huwa kien irrifjuta li jsirlu

breathaliser test fuq il-post u ghalhekk ittiehed id-depot fejn sarlu dan it-test u sussegwentement kien irrilaxxja stqarrija lill-Ispettur Ramon Cassar u gie mressaq il-Qorti b'arrest. Huwa cahad li ried isuq fuq xi vettura tal-Pulizija jew li kellu xi argument ma xi Pulizija qabel l-incident. In kontro-ezami l-imputat ikkonferma li waqt li kien miexi lejn il-vettura tieghu huwa kien iltaqa' ma Paul Spagnol izda jghid li ma jiftakarx xi kliem kien intqal bejniehom. Hu qal li ma jidhirlux li kien hemm xi Pulizija qed jippruvaw jikkalmaw lil Sapgnol waqt li kien qed ikellmu.  Dwar id-dinamika tal-incident l-imputat jghid li huwa kien qed isuq fuq in-naha tax-xellug tat-triq hiereg minn Bugibba u sejjer fid-direzzjoni tat-traffic lights. Huwa jghid li meta l-vettura tal-Pulizija giet fil-vizwali tieghu huwa kien diga' dritta l-vettura tieghu filwaqt li l-vettura tal-Pulizija kienet gejja ghal-liwja.  Huwa jsostni li bid-daqqa il-vettura tieghu daret izda baqghet fuq sajda u jghid li l-vettura tal-Pulizija tant kienet gejja b'velocita' li baqghet diehla f'vettura ohra li kien hemm parkeggjata man-naha tax-xellug taghha.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel u t-tieni akkuza l-imputat jinsab akkuzat bl-attenat ta' hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' PC 635 u PS 524 u li volontarjament ikkaguna hsara fil-vettura tal-Pulizija bin-numru tar-registrazzjoni GVP 235. F'kelma wahda il-Prosekuzzjoni qed issostni li l-imputat volontarjament habat fil-vettura tal-Pulizjia. Il-Qorti jidrilha li filwaqt li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kien qed isuq b'manjiera perikoluza,  u dan ghar-ragunijiet li ser jigu spjegati aktar l-isfel, ghaliex huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fuq in-naha l-hazina tat-triq u taht l-influwenza tal-alcohol, hija ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-kollizjoni li sehhet bejn iz-zewg vetturi, u cioe' dik misjuqa minn PC 635 u l-vettura misjuqa mill-istess imputat, giet ikkawzata b'mod volontarju mill-imputat, fis-sens li ma saritx minhabba sewqan traskurat jew perikoluz da parti tal-imputat izda ghaliex huwa ghazel li jibqa' diehel fil-vettura misjuqa minn PC 635. Fil-fehma tal-Qorti ix-xhieda ta' PS 185 Roger Mifsud m'hijiex  prova sufficjenti sabiex jista' jitqies

li l-incident awtomobilistiku bejn iz-zewg vetturi gie kagunat b'mod volontarju min-naha tal-imputat. L-imputat ser jigi ghalhekk dikjarat mhux hati tal-ewwel u t-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu. L-istess haga tinghad ghas-seba' akkuza, u cioe' dik li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuni ta' PC 635 u PS 524 stante li kif diga' intqal il-Qorti jidrilha li l-incident awtomobilistiku de quo ma giex ikkagunat b'mod volontarju da parti tal-imputat u ghalhekk huwa qed jigi wkoll liberat mis-seba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Dwar id-dinamika tal-incident il-Qorti jidirlha li mill-iskizz (inserit a fol. 58 tal-process) imhejji mill-espert nominat fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali li n-nomina tieghu giet ukoll ikkonfermata fil-proceduri odjerni, il-Perit Richard Aquilina, (rapport relattiv esebit a fol. 54 sa 61) jidher li l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh kompletament fil-karreggjata tax-xellug ghall-vetturi sejrin lejn il-Qawra. Fil-fatt fuq l-imsemmija karreggjata hemm indikat frak ta' zebgha blu skur, u hemm sinjal ta' tkaxkir u brix mal-art li jibdew minn mal-gemb ta' wara tan-naha tal-lemin tal-vettura tal-Pulizija u qeghdin quddiem l-ispot of impact u jibqghu sejrin sa fejn spiccat il-vettura tal-imputat. Fl-istess kareggjata inoltre hemm indikat li kien hemm bicca plastic tal-vettura tal-imputat. Dawn il-fatturi kollha jindikaw lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-impatt bejn iz-zewg vetturi sehh fil-kareggjata tal-vettura tal-Pulizija u li ghalhekk l-imputat invada il-kareggjata tal-vettura misjuqa minn PC 635 u li l-imputat kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq. Il-hsara riportata fiz-zewg vetturi, li skond ir-rapport tal-espert tekniku Joseph Zammit kienet frontali u man-naha tal-lemin fiz-zewg vetturi, wkoll tikkorrobora il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-Pulizjia, u cioe' li l-impatt sehh fil-kareggjata tax-xellug ghal vetturi sejrin lejn il-Qawra. Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat kien qed isuq b'manjiera perikoluza ghaliex kien qed isuq kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq. Il-hsara estensiva fiz-zewg vetturi tindika wkoll li wahda jew addirittura iz-zewg vetturi kienu qed jinstaqu b'velocita' eccessiva izda in vista tal-fatt li ma gewx

riskontrati brake marks li jistghu jindikaw liema vettura kienet qed tinstaq b'velocita' eccessiva il-Qorti ma tistax tqis li gie pruvat lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien qed isuq b'velocita' eccessiva. Kif intqal aktar 'il fuq, wara l-incident l-imputat gie sottomess ghal breathaliser test u r-rizultat relattiv li jinsab esebit a fol. 98 u 99 jindika li l-livell ta' alcohol li gie riskontrat kien jeccedi l-livell konsentit mil-ligi. L-imputat ghalhekk qed jigi misjub hati ta' sewqan perikoluz ghaliex kien qed isuq fuq in-naha l-hazina tat-triq u anki li kien qed isuq taht l-effett tal-alcohol.

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni rrizulta wkoll li l-imputat hedded lil PC 636, lil PS 524, lil PS 746 Geoffrey Attard Mc Carthy u lil PS 559 Jason Spiteri li kien ser joqtolhom u dan meta huma kienu waqt l-esekuzzjoni ta' servizz pubbliku u ghalhekk huwa qed jinstab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mill-provi ma rrizultax li l-imputat qal xi kliem oxxenn jew indecenti izda biss li hedded lil Pulizijia u ghalhekk huwa mhux qed jinstab hati tat-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17 u 95, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 15A (1) (2), 15B, 15H, 15 (1) (a) (2) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 18 tal-Avviz Legali 128 tal-1994 il-Qorti issib lill-imputat hati tat-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa ta' elf Ewro (€1,000) u tiskwalifikah milli jkollu jew izomm licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur b'effett millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel, it-tieni, is-seba' u t-tmien akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

Wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlett (3) xhur millum ihallas is-somma ta' hames mija u tlieta u tmenin Ewro u hamsa u sittin Ewro centezmi (583.65€) liema ammont jirraprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti in konnessjoni ma' dan il-kaz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------